MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 25/2006

Maltacom plc

vs

Muscat Daniela

It-Tribunal ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta attrici tablet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas s-somma ta’ Lm 573.67 rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21550487 (CN1056706), liema servizz gie installat fil-fond bl-isem “Waltzing Matilda” Triq Guze Flores, Kercem, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-Service Agreement hawn anness u mmarkat bhala document “A”, bl-ispejjez komprizi b’dawk prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subbizzjoni.

Ra l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, li biha wiegbet illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (f) u 2156(f) tal-Kodici Civili, illi fi kwalunkwe kaz, ma huwa dovut ebda hlas lill-kumpanija attrici u l-ecipjenti ma ghandha taghti xejn mill-ammont pretiz salv eccezzjonijiet ulterjuri fi dritt u fil-fatt.

Semgha x-xhieda ta' Emanuel Cini u ta' Daniela Muscat, ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza, ra s-sentenza preliminary mghotija fil-hamsa (5) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007), li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta taht l-artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili izda laqa` l-eccezzjoni tal-konvenuta kif sollevata taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u ddikjara li kwalsiasi parti mill-kont mitlub mill-attur li jirrizali ghal perijodu ta' qabel il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju elfejn u wiehed (2001), huwa preskritt.

Fl-imsemmija sentenza, it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tal-kumplament tas-sentenza fil-mertu sabiex jingabu provi sufficenti dwar kemm mill-kont pretiz mill-atturi jirrizali ghal wara l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju elfejn u wiehed (2001). Bl-ispejjez gew riservati.

Ra d-dokumenti ulterjuri esebiti minn Emanuel Cini li minnhom jirrizulta illi fis-sitta (6) ta' Lulju elfejn u wiehed (2001) hareg kont ta' Lm260.86, fit-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u wiehed (2001) hareg kont iehor ta' Lm8.82 u fl-erbgha (4) ta' Novembru elfejn u wiehed (2001) hareg kont iehor ta' Lm4.20. U dawn it-tlett (3) kontijiet ma thallsux. Kien hemm kont iehor bid-data tat-tmiejna (8) ta' Mejju elfejn u wiehed (2001) fl-ammont ta' Lm302.45 li ma thallasx. Izda, kif ga inghad qabel fl-imsemmija sentenza, dan l-ammont kien sar preskritt.

Billi ghalhekk in vista tal-premess, t-talba attrici tisthoq li tigi milqugha biss ghall-kontijiet fuq imsemmija tas-sitta (6) ta’ Lulju elfejn u wiehed (2001), tat-tlieta (3) ta’ Settembru elfejn u wiehed (2001) u erbgha (4) ta’ Novembru elfejn u wiehed (2001), fl-ammont komplessiv ta’ Lm373.88.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm373.88. In vista tac-cirkustanzi tal-kaz, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta’ l-avviz. Bl-ispejjez tal-kawza huwa bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------